MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Numru 806/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**V**

**ANTHONY ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY ZAMMIT** ta' sitta w erbghin sena bin Joseph u Rita nee Dimech, imwieled Hamrun nhar d-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 1955 u residenti 'Maple Leaf', Triq Censu Farrugia, Imsida u detentur tal-karta tal-identita numru 25456M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-hamsa ta' Lulju 2000 ghall-habta tas-sebgha w ghoxrin ta' filghaxija, gewwa Kennedy Drive, kantuniera ma Triq John F. Kennedy, Qawra, waqt li kien isuq vann Honda bin-numru ta' registrazzjoni LAJ 437 b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fis-sewqan u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma mutur bin-numru ta' registrazzjoni EAK 294 w kkaguna l-mewt ta' Rene Tara Hrase.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-ismemmija vettura b'velocita eccessiva, b'manjiera perikoluza, b'manjiera traskurata u bla kont u dan bi ksur tal-regolamenti tat-traffiku.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura bi brekijiet difettuzi.

Talli fl-istess data, lok, hion u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'nuqqas ta' hila fis-sewqan u/jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna hsart f'mutur bin-numru ta' registrazzjoni EAK 294, liema hsarat ma jeccedux l-hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Antonio Zammit.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat tletin ta' Settembru 2002 esibit a fol 3 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 11 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tletin ta' Ottubru 2002.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju fis-seduta tas-sebgha ta' Marzu 2005.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sebgha ta' Marzu 2005.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2001 esibit a fol 25 et seq tal-atti.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar t-tnejn ta' Dicembru 2002 xehed Joseph Zammit** [fol 99] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita a fol 44 tal-atti processwali, **xehed Doctor Ramon Scerri** [fol 101] fejn qal li nhar l-hamsa ta' Lulju 2000 huwa kien iccertifika lil Rene Hraze mejjet nhar l-hamsa ta' Lulju 2002 fid-disgha w ghoxrin ta' filghaxija. Huwa esibixxa certifikat mediku li gie mmarkat bhala dokument JM 1 a fol 104 tal-atti, **xehed l-Ex Spettur David Galea** [fol 103] fejn ikkonferma r-rapport tieghu a fol 34 tal-atti.

**Illi nhar l-hmistax ta' Jannar 2003 xehdu Doctor Brigette Ellul u Doctor Sfraz Ali** [fol 106] fejn ikkonfermaw r-relazzjoni taghhom esibita a fol 92 tal-atti, fejn ikkonkludew li l-vittma mietet bhala ruzultat ta' *head injury in particular a fracture in the skull with rapture of intracranial arteries, sustained in a road traffic accident in which he was the driver of a motorcycle*.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2003 xehed PC 1525 Patrick Farrugia** [a fol 108] fejn ikkonferma r-relazzjoni tieghu esibita a fo 74 tal-atti.

**Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar 2003 xehed Ex PS 139 Ronald Azzopardi** [fol 110] fejn qal li nhar il-hamsa ta' Lulju 2000 ghal habta tas-sebgha w kwart jew is-sebgha w ghoxrin ta' filghaxija kien gie nfurmat li kien hemm incident fatali fi Triq John F. Kennedy, fejn il-Kennedy Grove u ghalhekk mar fuq il-post fejn sab vann bin-numru ta' registrazzjoni LAJ 437 li kien qed jigi misjuq mill-imputat odjern. Qal li apparentement l-imputat kien gej mid-direzzjoni tal-Coastline, kien diehel ghal Triq John F. Kennedy ghal Qawra. Qal li fl-art kien hemm persuna li dak l-hin dehret mejta li rrizulta li kienet certu Rene Hrase ta' nazzjonalita Awstrijaka. Qal li kien hemm l-ambulanza fuq il-post u l-pillion rider li kien fuq il-mutur, li kienet tfajla, kienet qed tigi kkurata fl-ambulanza pero hu ma kienx kellimha. Qal li hu kien kellem lix-xufier tal-vann, li gharaf presenti fl-awla bhala l-imputat. Ix-xhud kompla jghid li dakinhar li kellem lis-sewwieq tal-vann, dan kien qallu li hu kien gej minn naha tal-Coastline Hotel, tiela dik t-telgha li taghti ghal Qawra, u kif wasal hdejn s-central strip, jigifieri kien qasam t-triq, gie l-mutur minn naha l-ohra mid-

direzzjoni opposta u habat. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument JM 2 [fol 116]. Mistoqsi jekk ghamilx sketch wiegeb li hu ma jiftakarx jekk ghamlux. Mistoqsi fejn kien ra l-vann u l-mutur, ix-xhud wiegeb li jahseb li hemm imnizzel fl-okkorrenza. Qal li l-vann kien qieghed f'posizzjoni li gia qasam d-dotted line li jiddividi t-triq. Qal li kien qrib tas-central strip jigifieri fi Triq John F. Kennedy, fit-telgha, jigifieri qasam t-triq. Mistoqsi jekk l-persuna li mietet u l-passiggier tal-mutur kienux lebsin crash helmet, x-xhud wiegeb li ma jiftakarx, ghalkemm jista jkun. Mistoqsi jekk l-imputat kellux xi passiggieri ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Ix-xhud kkonferma l-posizzjoni tal-vetturi dakinhar tal-incident kif kienu murija fid-dokument esibit a fol 49 tal-atti.

Illi l-unika xhud okulari apparti l-imputat kien il-pillion rider **Patricia Buchberger** li **xehdet** fl-att tal-inkjesta nhar s-sebgha ta' Lulju 2000 quddiem l-espert tat-traffiku nominat mill-Qorti u dan fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Hija spjiegat li nhar l-hamsa ta' Lulju 2000 ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija hija kienet pillion rider ma Rene Hrase fuq mutur misjuq minnu sejra lejn il-Belt, gejja mid-direzzjoni ta' San Pawl l-Bahar u kienu qed isuqu dritt wara karozza. Fuq ix-xellug taghha ma kien hemm ebda vettura. Kien hemm traffiku gej mid-direzzjoni opposta u vettura partikolari daret lejn l-lemin taghha ghal go triq la gemba w ostakolat l-passagg liberu taghha. Mistoqsija jekk kienux qed jaghmlu xi manuvra ta' sorpass ix-xhud b'mod kategoriku cahdet din l-insinwazzjoni. Spjiegat li l-vann li mbokka l-passagg taghha kein abjad b'kabina blu u kien vicin hafna taghha. Mistoqsija jekk kienx hemm vetturi ohra li ghamlu l-istess manuvra bhal tal-imputat qablu, ix-xhud wiegbet fin-negattiv b'mod kategoriku.

**Joseph Zammit l-espert tekniku** nominat f'din l-inkjesta **vverbalizza fl-atti** nhar l-erbatax ta' Lulju 2000 [fol 62] li meta huwa ezamina l-vann bin-numru ta' registrazzjoni LAJ 437 sab li kellu l-brake pedal ratba, tinzel sal-floorboard u l-brakes jorbtu biss fuq wara. 2

**Illi nhar d-dsatax ta' Jannar 2005 xehed l-imputat** [fol 145] fejn qal li l-incident in kwistjoni sehh waqt li kien qed

isuq vettura tal-ghamla Honda Civic tat-tip kummercjali two seater bil-hgieg maghluq u dan l-incident sehh vicin l-Kennedy Grove, s-Salina u kien waqt li kien fil-coastroad kien ser idur mal-lemin biex jitla t-telgha li taghti ghal Qawra. Mistoqsi jekk kienx hemm traffiku quddiemu, l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Qal li qablu kien hemm karozza li daret lejn il-lemin fl-istess direzzjoni fejn kien ser idur hu. Qal li mid-direzzjoni opposta fuq il-karreggjata l-ohra kien hemm vettura gejja li cedietlu biex jghaddi qabilha u hu qasam wara din il-karozza. Qal li din il-vettura kienet gejja mid-direzzjoni opposta, kienet f'nofs tat-triq kwazi kwazi lejn il-karreggjata zbaljata. Qal li meta qasam t-triq u kien wasal fi speci ta' telgha u kien wasal hdejn t-traffic island, fuq quddiem tieghu fuq ix-xellug ra speci ta' dalma u xejn aktar. Qal li min fejn giet din d-dalma ma jafx. Qal li kif waqaf u nizel, nnota li kien hemm tnejn minn nies fuqu. Mistoqsi liema partijiet tal-vann intlaqtu, <u>ix-xhud wiegeb li kien il-pilastru tal-windscreen tan-naha tax-xellug, bejn quddiem u gemb xellugi</u>. Ix-xhud qal li bid-daqqa l-windscreen tkisser. Mistoqsi f'liema hin zamm il-brake indikat fl-isketch, ix-xhud wiegeb li dan ghamlu kif appena ra d-dalma u hass d-daqqa, awtomatikament siequ marret fuq il-brake. Qal li l-hgieg tal-windscreen li waqa gie taht l-vann. Qal li l-vann hallih fl-istess posizzjoni sakemm marru l-esperti tal-Qorti u cioe fil-posizzjoni li hu muri fl-isketch esibit. Mistoqsi jekk il-mejjet u l-mutur kienux f'dik il-posizzjoni murija fl-isketch, l-imputat wiegeb li ma kienx f'posizzjoni jghid ghaliex ma harisx. Qal li meta hu qala d-daqqa, il-vettura tieghu kienet diga milwija angolata fid-direzzjoni fejn kien sejjer. Qal li l-vettura tieghu kienet f'kundizzjoni tajba fis-sens li kien jiehu hsiebha u jghamlilha dak li hemm bzonn. Qal li l-mekanik tieghu huwa certu Lawrence Falzon u dan jiehu hsieb l-ingenji tieghu, peress li hu ghandu ingenji kbar ghax hu burdnar x-xatt. Qal li fuq il-faccata hu ma kellux hsara.

**Illi nhar t-tnejn ta' Marzu 2005 xehed Lawrence Falzon** [fol 148] fejn qal li hu mekanik full time u ilu f'dan ix-xoghol ghal dawn l-ahhar wiehed u tletin sena. Qal li xogholu l-Marsa u m'ghandux impjegati. Qal li xoghlu hu fuq vetturi kummercjali kemm dawk lightwieght kif wkoll heavy

plants. Qal li lill-imputat ilu jafu 'l fuq minn tmienja w ghoxrin sena rigwardanti x-xoghol tieghu. Qal li l-imputat jahdem x-xatt bi trakkijiet li jgorru s-siment. Qal li l-imputat ilu jghamel l-manutenzjoni tal-vetturi tieghu tul dan il-perjodu kollu li ilu jafu. Mistoqsi jekk qatt hadem fuq vann Honda bin-numru ta' registrazzjoni LAJ 437 wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk jafx li l-imputat kellu incident fil-hamsa ta' Lulju 2000 ix-xhud wiegeb fl-affermattiv, peress li kien qallu l-imputat stess. Qal li l-imputat kien juza dan il-vann biex imur mid-dar ghal garaxx u ghalkemm kien jaghmel hu s-service fih, ma kienx jaghmlu ta' spiss u cioe darba fis-sena. Meta kien jaghmel dan s-service hu kien jiccekkja u jbiddel iz-zjut, jiccekkja l-brekijiet, bore joints u affarijiet simili. Mistoqsi jekk qattx iltaqa ma xi haga mhux normali f'dan il-vann ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li jaf lil imputat bhala bniedem fitt fl-ingenji fis-sens li jekk jisma hoss ma juzax dawk l-ingenji sakemm jarhomlu hu.

Ikkunsidrat:

Illi principalment l-imputat gie akkuzat b'omicidju nvoluntarju tal-persuna ta' Rene Tara Hrase. Il-Qorti hija tal-fehma li ghandha l-ewwel taghti tifsira dettaljata tar-reat ta' omicidju nvoluntarju stante l-gravita tal-kaz u anke ghaliex wara jkun aktar facli li din l-istess Qorti tapplika l-fatti mal-ligi.

In-natura tar-reat ta' omicidju nvoluntarju gie ezaminat fil-fond fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-wiehed u ghoxrin ta' Marzu, 1996*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Richard Grech** u sussegwentement f'sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti u cioe mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Tarcisio Fenech**.

L-omicidju kolpuz hu trattat fil-ligi taghna fl-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali gia l-artikolu 239 fl-Edizzjoni tal-1942 ta' dak il-Kodici. ***Fis-sentenza taghha tal-erbgha ta' Frar, 1961* fl-ismijiet Il-Pulizija v Perit Louis Portelli, *il-Qorti Kriminali sedenti l-Imhallef Joseph Flores***, kienet

espremiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward dan r-reat bis-segwenti:

"*Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involuntarju skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta voluntarja negligenti - konsistenti* ***generikament*** *f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), traskuragni (negligenza), jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti* ***specifikatament*** *f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti - li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita, minn event dannuz involuntarju. Ghandu jigi premess li ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta effittivament adoperata ma dik ta' persuna li s-sapienza rumana identifikat mal-bonus paterfamilias, dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kiterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghal gudikant, jhallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.* [Kollez. Deciz Vol. XLV iv 870, 903, emfasi ta' din il-Qorti].

*"Kif spjiega l-gurista taljan* ***Francesco Antolisei****, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrjan jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo",* jkompli dan l-awtur, *"delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato ad altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti*

*dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: 'tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto.' Il rimoprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice improvera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi"* [**Antolisei, F., *Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322-323***]

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika). In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline."*

*Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li*

*josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita."*

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:

"*Kif jispjiega l-gurista* ***Francesco Carfora*** (***Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775***) *jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta."*

Infatti d-definizzjoni klassika tal-Colpa Criminale, tibqa dik moghtija mill-**Carrara** (***Vol. pt. Generale***) b'dan il-kliem:

"*La volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibli e prevedibbli del proprio fatto"* (para 8 pg. 114).

Dan l-awtur jkompli jghid li tkun xi tkun d-definizzjoni, l-kelma 'colpa' fil-kriminal tfisser:

"*Oppure… il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo;*

*a. la volontarieta dell'atto;*

*b. mancata previsione dell'effetto nocivo;*

*c. possibilita di prevedere.*

Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din:

"*La colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto.*" (pagna 228, para. 32.)

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie ***deciz nhar s-sbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per *Imhallef Harding*** li

"*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt jkompli jghid:

"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to <u>negligence, imprudence, carelessness</u> and <u>unskillfulness</u>, in an art or profession but it is equally requisite in case of <u>non-observance of the regulations</u>.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:

"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hmistax ta' Frar 1958***, fl-ismijiet **Il-Pulizija v John Vella**, gie ritenut li:

"*…Tkun xi tkun d-definizzjoni tal-kolpa jibqa dejjem illi l-elementi taghha huma voluntarjeta tal-atti w in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilita ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi li ma jkunux prevedibbli, jew almenu ma setghux jijunu prevedibbli hlief d-diligenza straordinarja, il-ligi ma tezigix u li se mai tista ggib kolpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija.*"

Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kolpa tista tikkonsisti anke f'imprudenza b'mod li min jikkommetti atti imprudenti, avolja huwa ma ried jaghmel haga ohra hlief dawk l-atti u ma pprevediex li dak l-att setgha jkollu konsegwenzi koroh, huwa jibqa fi htija ghax setgha jipprevedi dawk il-konsegwenzi. S'intendi, imbaghad fil-kolpa hemm dejjem gradazzjonijiet mizurabbli ghas-sekonda tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz li jinfluwixxu fuq l-applikazzjoni tal-piena.

Punt iehor interessanti u relatat ma dan il-kwistjoni hu dak trattat fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Lulju 1995*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Jason Friggieri**, fejn gie ritenut li:

*"Fil-kamp ta' reati nvoluntarji, il-fatt li persuna tkun traskurata f'mumenti qabel incident, ma jfissirx li kien traskurat meta jigri l-fatt. Dak li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'kaz ta reat involuntarju, hu li tirrikorri kondotta voluntarja negligenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita minn event dannuz involuntarju."*

Issa f'dan il-kaz, il-Qorti fliet l-atti processwali u jirizulta ghas-sodisfazzjon taghha, li l-imputat ma hax il-prekawzjoni rikjesta qabel ma ghamel il-manuvra li ghamel u cioe halla triq principali u dar lejn il-lemin meta kien gej mutur mid-direzzjoni opposta w ingombralu l-passagg liberu.

L-Avukat Difensur sostna li l-incident sehh meta l-vittma kien qed jissorpassa vettura li kellu quddiemu u baqa diehel fl-imputat li kien gia qasam l-karregjata tighu u beda jitla t-triq John F. Kennedy. L-Avukat Difensur jaqbel li bhala principju kardinali tat-traffiku sewwieq irid jezercita proper lookout u ma jfixkilx l-passagg liberu ta' “on coming traffic”, pero fil-fehma tieghu l-imputat m'ghamilx hekk, ghamel dak mistenni minnu li jaghmel.

Il-Qorti taghmel referenza ghar-**regolament 59 tal-Highway Code** li jipprovdi li:

*"The driver of any motor vehicle whether on a major or a minor road, shall at all times, exercise due care and take all necessary precuations at any road junction."*

Taht s-sub titolu “changing directions” fir-regolament 68 tal-istess Highway Code, insibu:

*"… if you wish to turn right steer your vehicle as much as it is possible to the centre of the road without however encroaching on the other half of the road…"*

U **r-regolament 77 jipprovdi**:

*"Well before you turn at a junction, take full account of the position and movement of flowing traffic, signal your intention and when safe to do so, take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap, between you and any approaching vehicles before you complete a right turn."*

Illi huwa minnu li l-Highway Code mhux ligi, izda zgur li huwa a standard of conduct for the road, eppure d-disposizzjonijiet tieghu huma accettati kemm fid-dottrina kif wkoll fil-Qrati u hawn Malta dejjem gew segwiti.

L-awtur Ingliz **Salmon** fil-ktieb tieghu ***Law of Torts*** - second edition - pagna 230 jghid:

*"The duty of a driver of a vehicle is to use proper care not to cause injury to persons on the highway or in the premises adjoining the highway. Proper care connotes avoidance of excessive speeds, keeping a good lookout observing traffic rules and signs and so on. A failure of on the part of any person to observe any proviso of the Highway Code may in any civil proceedings be retained upon by any party to the proceedings as lending to establish or to negative any liability which is in question in these proceedings."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija v Vella*, deciza nhar l-ghaxra ta' Awissu 1963,*** u **l-Pulizija v Laferla *deciza nhar s-sbatax ta' Gunju 1961 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***,

insibu enuncjat principoju importantissimu ghal dak li jirrigwarda zona ta' proper lookout.

Infatti, gie ritenut li:

*"In-nuqqas ta' sewwieq li jara dak li huwa in plain view, ossia dak li hu regonevolment vizibbli, huwa auto kolpanti billi jimplika li ma jkunx qed izomm a proper lookout."*

F'dan il-kaz, l-imputat kien gej minn triq dritta xemgha u ma kellu xejn x'jostakolalu l-vizzjoni tieghu u ghalhekk qabel ma ghamel l-manuvra li ghamel, messu ha l-proper lookout rikjest.

Mhux minnu kif xehed l-imputat li huwa kien diga beda tielgha Triq John F. Kennedy ghaliex minn ezami tal-isketch esibit redatt mill-perit Richard Aquilina, jirrizulta li l-vettura tal-imputat kif murija hija f'tarf t-triq pero fejn hemm indikat in-numru 7 (il-brake marks) u 8 (it-trab) cioe fejn sehh l-impatt, dan kien fit-triq principali u ghalhekk huwa minnu li l-imputat ostakola l-passagg liberu tal-mutur.

Il-Qorti issibha difficilli temmen li l-imputat ma rax l-mutur gej fl-ebda hin u hu biss li induna bih mal-impatt u li ma kienx jaf x'kienet d-daqqa li qala.
Il-Qorti thoss li l-kawza tal-incident kif deskritta minn Patricia Buchberger jirrispetta l-verita ta' dak li gara u cioe li l-imputat saq il-vann, qabad u kiser minn quddiem w imblokka l-passagg tal-mutur u holoq emergenza subitanea ghas-sewwieq tal-mutur bla ma kien hemm ebda htija da parti tad-decujus Ren Hrase.

Ma hemmx dubbju li l-mod li bih l-imputat esegwixxa l-manuvra tal-ksur lejn il-lemin minn triq ewlenija ghal triq sekondarja jammonta ghal sewqan perikoluz u bla kont. Bejn dan u l-event dannuz [il-mewt ta' Rene Hrase] hemm n-nexus tal-kawza u l-effett.

Ma hemmx dubbju li l-brakes difettuzi tal-imputat setgha kellu tifsira determinanti ghaliex l-vann ma waqafx minnufih izda halla marki tal-brakes.

**Ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 225, 328(d) tal-Kap 9 l-artikolui 15(1)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-MVR 92, tiddikjara li ssib lil imputat ANTHONY ZAMMIT hati tal-akkuzi kollha kif addebitati lilu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf lira maltin [LM1,000] oltre dan tordna l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' sitt xhur mill-lum.**
**Il-Qorti tirrileva ghal kull bon fini li l-emendi li gew introdotti bl-Att III tas-sena 2002, dwar il-piena applikabbli, ma japplikax ghal kaz in ezami stante li l-incident fatali sehh fis-sena 2000.**

**Jigi rilevat wkoll ghal kull bon fini li din l-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha nhar t-tlettax ta' Ottubru 2003 [fol 122].**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------